Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**
**Laqgħa Numru 53**
**Tlieta  30 ta'Mejju**

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-Imsida,fil-5:30 pm.

**PREŻENTI:**

Charles Selvaggi :  Kunsillier
Margaret Baldacchino Cefai :  Sindku
Romina Galea :  Viċi Sindku
Maurice Agius :  Kunsillier
Jean Claude Borg :  Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop :  Kunsillier
Emanuel Brincat :  Kunsillier
Alfred Farrugia :  Kunsillier
Renald Camilleri :  Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Alan Vella :  Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

**53.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġija;**

53.1.01 Il-kunsilliera kollha kienu preżenti.

**53.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

53.2.01 Il-Minuti tas-Seduta L8-52 ittieħdu bħala moqrija.
Il-minuti ġew approvati unanimament.

**53.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

53.3.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda Komunikazzjoni mill-Arċipriet dwar numru ta' purċissjonijiet li se jsiru ġol-Imsida fosthom Vjatku Solenni l-Ħadd 28 ta'Mejju fid-9am, il-preċett tat-tfal il-Ħadd 4 ta'Ġunju fid-9 am, Festa ta' Corpus il-Ħamis 8 ta'Ġunju fis-7 p.m. u tal-Qalb ta'Ġesù il-Ġimgħa 16 ta'Ġunju fis-7pm.

53.3.02 B'referenza għal minuti 51.4.01, dwar it-tisbieħ ta' Pjazza Victor Denaro, is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li wara li għadda l-proċess ta' skrutinju li fih ġew ivvalutati l-applikazzjonijiet minn Kunsilli Lokali diversi jew organizzazzjonijiet mhux governattivi ohra, fit-23 ta' Mejju l-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża b'kollaborazzjoni ma' Project Green organizza Konferenza Stampa fil-Mosta sabiex il-Prim Ministru ħabbar ir-riżultati tal-Community Greening Grant. Il-proposta tal-Imsida għat- tisbieħ msemmi kwalifikat u se tibbenifika minn dan il-fond ta' €10 miljun flimkien ma'15 il-sottomissjoni oħra.

53.3.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali għamlet verifika f'rigward ta'CCTV ġewwa l-lokalita fejn provdiet lista u talbet konferma li d-dettalji elenkati huma korretti u l-kameras (CCTV) huma proprjetà, amministrati u miżmuma mill-kunsill fejn ġie mitlub ukoll provi bħal pereżempju kopja tal-invoice. Din l-informazzjoni ġiet provduta u korretta fejn ġew miżjuda anke dawk kameras li huma propjetà ta' terzi filwaqt li l-kunsill huwa responsabbli għas-servizz tal-WIFI sabiex tkun tista’ ssir sorveljanza. Din il-verifika se servi l-iskop li tinġabar l-informazzjoni meħtieġa qabel ma jsir MOU mal-LESA li jwassal għal rifużjoni ta’ perċentaġġ mid-dħul miċ-ċitazzjonijiet li jinħargu permezz ta'CCTV.

Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar is-CCTV go Triq il-Kunzar sabiex ikun verifikat jekk din għaddiex iċċentrat sew minħabba li kien hemm xi ħadd li tela fuq sellum mal-arblu li seta’ ċaqlaq il-kameras.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota.

53.3.04 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għamlet referenza għal Ċirkolari AKL 2023/026 European Cities Against Drugs (ECAD) fejn kif imħabbar l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali ħadet ħsieb l-organizzazzjoni għall-konferenza (tas-Sindki) li nżammet nhar il-Ħamis, 11 ta’ Mejju 2023 ġewwa l-lukanda Dolmen. Din kienet opportunita’ sabiex Sindki, NGOs u persuni oħra mill-Ewropa jiltaqgħu u jiddiskutu l-esperjenzi, prattiki kif ukoll trattamenti li jippromovu rkupru u anki riġenerazzjoni tas-servizzi offruti f’ dan il-qasam u dwar kif jistgħu jaħdmu fuq bażi lokali sabiex jiġġieldu u jipprevjenu l-użu tas-sustanzi. Preżenti għal-konferenza kien hemm is-Segretarju Eżekuttiv.

53.3.05 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li nhar it-Tnejn 8 ta’ Mejju 2023, attendiet għal-konferenza flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv. Din kienet msejjħa mis-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali biex nieda il-Viżjoni Strateġika Nazzjonali tal-Gvern Lokali.

53.3.06 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li l-Kummissjoni Ewropea kontra r-Razziżmu u l-Intolleranza għamlet żjara fil-pajjiż bejn it-22 u s-26 ta' Mejju 2023 bi tħejjija għar-rapport tas-6 ċiklu ta' Malta. L-objettivi tal-ECRI huma li tirrevedi l-leġiżlazzjoni, il-politiki u miżuri oħra tal-istati membri fil-ġlieda kontra r-razziżmu, id-diskriminazzjoni razzjali, ix-xenofobija, l-anti semitiżmu u l-intolleranza, u l-effetti tagħhom; li jipproponi aktar azzjoni fil-livell lokali, nazzjonali u Ewropew; li jifformulaw rakkomandazzjonijiet ta' politika ġenerali lill-Istati Membri; li jistudjaw strumenti legali internazzjonali applikabbli fil-kwistjoni bil-ħsieb li jissaħħu fejn xieraq. F'dan ir-rigward, d-Delegazzjoni ECRI talbet laqgħa mar-rappreżentant jew uffiċjal responsabbli mis-settur fi ħdan il-Kunsill Lokali tal-Imsida li saret L-Erbgħa, 24 ta' Mejju 2023, fis-14:00. Preżenti kien hemm ukoll is-Segretarju Eżekuttiv fejn ġie diskuss il-mandat tal-ECRI u l-ħidma tal-Kunsilli Lokali dwar l-integrazzjoni tal-immigranti.

53.3.07 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda Komunikazzjoni dwar Il-Malta Trade Fair li se ssir mit-23 ta' Ġunju sat-2 ta' Lulju, 2023, fl-MFCC, f'Ta' Qali, fejn l-organizzatur Bi skop ta'impenn lejn l-komunità, qed jagħmel arranġamenti għat-trasport b'xejn mir-reġjuni kollha tal-kunsilli lokali ta' Malta sabiex ir-residenti jibbenefikaw mill-offerta u jieħdu l-opportunità li jattendu għal dan l-avveniment annwali. Għalhekk qed jitlob l-kooperazzjoni tal-kunsill lokali fl-organizzazzjoni ta' din l-inizjattiva. L-idea hi li jiġi pprovdut trasport minn post ta' laqgħa magħżul f'ħin speċifiku bejn is-6:00pm u s-7:00pm, bis-servizz ta'ritorn mill-MFCC fl-10:30 p.m. dan biss għandu jkun promoss fuq il-pjattaformi tal-midja soċjali u n-notice boards filwaqt li r-residenti li jixtiequ jużaw dan is-servizz iridu jikkuntattjaw lill-MFCC biex jirriżervaw u jindikaw minn fejn jinġabru skond punti ta' ġbir indikati fuq il-poster li jkun provdut mill-organizzatur. Filwaqt li-l-biljetti tad-dħul jistgħu jinxtraw mill-bieb għal €3 għal kull persuna (tfal sa 12-il sena b'xejn).

**53.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

53.4.01 B'referenza għal- minuti 52.4.01 dwar l-iskemi maħruġa mid-Direttorat għal Strateġija u Implimentazzjoni tal-Policy, Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar SPI/SCI/03/2023 - Espressjoni ta' Interess: The World Clean Up Campaign 2023 fejn ġew diskussi diversi postijiet fejn tista' ssir. Hawn spjegat li minħabba li l-applikazzjoni taghlaq fil-15 ta'Ġunju se tara fejn hemm l-aktar bzonn sabiex tmexxi bl-applikazzjoni.

Il- kunsilliera preżenti qablu unanimament .

53.4.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għamlet referenza għal- minuti 51.5.12 dwar il-fanali li hemm go Triq il- Parroċċa u Mons Falzon biex jinbidlu ma'oħrajn ornamentali u staqsiet meta dawn se jsiru.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li minħabba li l-fanal go Triq il-Parroċċa irrid jersaq l-isfel sabiex ikun eżatt faċċata ta'dak go Triq Mons Falzon għad irrid ikellem lis-sid tal-propjetà sabiex dan jeħel mal-ħajt tiegħu ma ġenb il-gallarija.

53.4.03 B'referenza għal minuti 50.5.04 is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li f'Ġunju se jingħata bidu għal programm ta' sessjonijiet tal-Yoga b'xejn li se jkunu finanzjat mill- Kummissjoni Għolja għal- Indja.

53.4.04 B'referenza għal minuti 52.4.03 dwar il-ħsara li saret minħabba xogħol żvilupp li sar go Triq u Sqaq J. Catania, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li ġabar u bgħat kif mitlub mir-rappreżentant tal-iżviluppatur, l-Istima għal qlugħ, bdil u concrete printing tal-bankina k/m Triq Robert Naudi €4245.80, qlugħ u bdil ta' bankina biswit iċ-Ċentru parrokkjali €2,520.00, qlugħ, bdil u concrete printing ta' sqaq fil medda sa l- arja quddiem il-bini li kien żviluppat €3,617.90 li bil-VAT inkluż tammonta għal €12,252.77.

Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar ir-railing go Triq Clarence u talab biex sakemm ikun hemm xi forma ta' risposta jew żvilupp mill-izviluppatur, il-kunsill għandu almenu jara kif jista' jirranġa b'mod temporanju l-ħsara li hemm.

53.4.05 B'referenza għal minuti 52.4.05 dwar it-talbiet dwar danni minn żewġt inċidenti separati, Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li l-avukat tal-kunsill bgħat it-tweġiba legali.

53.4.06 B'referenza għal minuti 52.4.06 dwar it-talba dwar danni kawżati fuq vettura li kienet ipparkjata go Triq Oscar Zammit, Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li l-avukat tal-kunsill bgħat it-tweġiba legali.

53.4.07 B'referenza għal minuti 52.4.07,Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li l-kuntrattur tal-MPWD beda x-xogħol fuq is-sistema għal- ilma tax-xita ġo Xatt Ta' Xbiex.

53.4.08 B'referenza għal minuti 52.4.08, is-Sur Maurice Agius tkellem dwar il-proċedura fejn irrid joqgħod jikkomunika dwar kollox mal-impjegat tal-kunsill inkarigat minflok jgħaddi ilmenti jew xi problema mal-ewwel dirett mal-kuntrattur konċernat. Hawn spjega li hemm diversi nuqqasijiet relatata mal-ġbir tal-iskart residenzjali bħal ħin li qed jibda jew jieħu sakemm il-kuntrattur ikun lest li ġieli kien tard sew wara nofs nhar. Hawn spjega li mingħajr mezz ta' komunikazzjoni mal-kuntrattur ma' jistax jaħdem għax m' għandux kontroll fuq dak li għaddej għalhekk f'dawn iċ-ċirkostanzi ma jistax jibqa' responsabbli għas- Servizzi tal-Indafa . Barra minn hekk ġie infurmat minn resident li qed jallega li meta ċempel il-kunsill sabiex jilmenta fuq is-servizz min kien qed jirrispondi (deskritt femminili) qal li wiegbu li issa qed jieħdu ħsieb in-Nazzjonalisti.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota ta'riżenja mir-responsabiltà għas- Servizzi tal-Indafa. Filwaqt li wieġeb għal allegazzjoni msemmija fejn spjega li min sa kemm ilu fil-kariga qatt ma semgħa lill ebda impjegat jagħmel jew xi ħadd mir-residenti jilmenta li semgħa xi kumment politiku għalhekk wara li se jitkellem mal-membri tal-amministrazzjoni sabiex jistaqsi u jivverifika dwar dan. Wara se jkun qed jitlob ukoll lis-Sur Agius jistieden lill dan ir-resident sabiex jitkellem miegħu u jispjega eżatt dwar il-kummenti msemmija. Spjega wkoll li s-sistema qeghda li l-istaff jaghddi kollox bil-WhatsApp lil kuntrattur biex ma jkunx hem hafna nies mdahhlin ghax fuq kollox dan qed jigi monitored mir-Regjun.

53.4.09 Is-Sur Maurice Agius għamel referenza għal minuti 52.4.09, dwar il-bollards go Triq il-Wied, fejn spjega li dawn għandhom ikunu jestendu almenu sal-ġibjun.

53.4.10 B'referenza għal minuti 52.4.10, Is-Sr Maurice Agius staqsa jekk l-Għaqda tad-Dgħajjes raddietx lura l-bollards msemmija sabiex jinbidlu dawk ta'Triq Mons D'Andrija k/m Triq Dargens.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li għamel kuntatt ma' rappreżentat iżda sal-ġurnata għadhom ma ġewx bihom.

53.4.11 B'referenza għal minuti 52.4.11, dwar t-tabelli bl- iskeda tal-iskart il-ġodda, is-Sur Alfred Farrugia ġibed l-attenzjoni li go Triq Antonio Bosio ghad hemm waħda mill-antiki.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota.

53.4.12 B'referenza għal minuti 52.4.12, Is-Sur Nicholas J.Chircop tkellem dwar l-avveniment sportiv Active in the Square li sar nhar it-28 ta'April go Misraħ San Guzepp fejn spjega li kien hemm konkorrenza tajba filwaqt li jinsab infurmat li l-istudenti tal-Università li kienu assenjati biex jassistu b'volontarjat relatat mal-European Region of Sports ġabru €400 b'risq il-Puttinu Cares.

Is-Sur Jean Claude Borg ppropona sabiex ssir bhal certifikat tal-okkazjoni li juri r-rikonoximent mill-Kunsill Lokali.
Is-Segretarju Ezekuttiv ha'nota.

53.4.13 B'relazzjoni mal-minuti 52.4.13, dwar xogħol ta'manutenzjoni li sar fuq bankina ta' Triq il-Prinċipessa Margaret, is-Sur Charles Selvaggi staqsa dwar il-parti fejn hemm ir-rampa quddiem ix-showroom li suppost is-sidien kellhom jieħdu ħsieb jirranġaw ix-xaqliba li hemm.

Is-Segretarju Eżekuttiv għamel referenza għal minuti 45.3.06 dwar is-suġġett fejn hemm approvat PA 07935/19 għal alterazzjoni f' rampa. Hawn reġa' spjega li minn dak iż-żmien ma' jidhirx li beda jsir xi-xogħol fuq il- parti msemmija filwaqt li l- permess jagħti ċans u jibqa' validu sa ħames snin fejn sa fejn jinsab infurmat , sal-ġurnata ma kienx hemm l-ebda talba mal-Kunsill Lokali Ta'Xbiex sabiex tinħeles il-garanzija mġedda mal-permess imsemmi.

53.4.14 B'referenza għal minuti 52.4.14, Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li l-kunsill ġie infurmat li l-IM ġiet mitluba sabiex tipposponi bi ftit ġimghat ix-xogħol tat- tieni kisja ta'tarmak go Triq Clarence sakemm jgħaddu bosta eżamijiet li qed issiru ġol-Junior College. Saret ukoll verifika mal-perit dwar il-parti minn Triq ix-Xatt tal-Imsida sa faċċata ta'fejn kien hemm id-dar tal-anzjani fejn ġie spjegat li din mhix parti mill-proġett iżda li se tikkonsulta ma' ta'f uq dwar il-possibilità li jkun awtorizzat u jsir intervent minuri bħal-brix u kisja ħafifa tal-wiċċ kif talab il-kunsill.

53.4.15 B'referenza għal minuti 52.4.15,Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li l-applikazzjoni sabiex Triq Dun Andre tkun One way direzzjoni lejn Triq il-Wied ġiet approvata minn TM qed tiġi mplimentata mil-kuntrattur tal-IM.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar l-ilmenti li saru minn residenti jew sidien li għandhom garaxx got- triq minħabba problema li nħolqot għal manuvrabilita sabiex jagħmlu aċċess b'dħul b'lura b'mod speċjali meta jkunu hemm karozzi oħra ġejjin eżatt warajhom għalhekk talbu sabiex din jew ssir bil-kontra direzzjoni lejn Triq L-Irmigg jew li tippermetti għal żewġt direzzjonijiet fil-parti l-antika sa Triq il- Wied li hija wiesgħa biżżejjed. Wara li marret fuq il-post sabiex tivverifika l-ilment mas-sur Emanuel Brincat jidher li hemm raġuni valida.

Il-Kunsilliera preżenti iddiskutew u qablu unanimament li l-parti il-ġdida ta' Triq Dun Andre minn Triq l-Irmiġġ tibqa direzzjoni waħda lejn Triq il-Wied filwaqt li fil-parti l-antika sa Triq il-Wied tippermetti għal żewġt direzzjonijiet.

53.4.16 B'referenza għal minuti 52.5.03, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li saret l-applikazzjoni ma'TM sabiex minflok is- central strip L-IM timplimenta roundabout żgħira li ġiet approvata. Kien hemm ukoll bosta kommunikazzjoni mal-perit tal-IM , il-kuntrattur tagħhom u l-Enemalta dwar il-problema ta'dawl fit-Triq ta'X’miexi fejn il-kunsill Lokali kellu jwassal l-ilmenti ta'residenti aktar il-fuq sabiex issir dak li hu meħtieġ u din tissolva.

Is-Sur Alfred Farrugia tkellem dwar il-problemi li kien hemm u staqsa min huwa responsabbli ta'x’hiex sabiex ikun jista’ jispjega meta jkun qed jitkellem mar-residenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li f'każi bħal dawn għalkemm il-proġett ta'rikostruzzjoni tat-triq jkun qed jiġi mwettaq mill- kuntrattur f'isem Infrastructure Malta, ir-responsabiltà ta'servizzi go triq tibqa dejjem tal-entitajiet konċernati bħal Enemalta għad-dawl ,WSC għal-ilma jew drenaġġ u oħrajn inkluż dawk is-servizzi oħra mhux governattivi bhal Go u Melita. Kif kien ġie spjegat f'Diċembru 2022 meta saret il-laqgħa dwar it-Toroq residenzjali, l-Infrastructure Malta qed tirsisti sabiex ikun hemm koordinament sħiħ minn qabel u jiġi evitat li jsiru interventi oħra wara li x-xogħol ikun lest. Iżda hawn kienet għamlitha ċara li mhux se tagħmel tajjeb għas-spejjez li suppost huma f'responsabiltà ta'sezzjonijiet oħra għalhekk dawn qed ikunu obbligati li jew jagħmlu x-xogħol huma bil- kuntratti tagħhom jew inkella jidħlu f’arranġament u bi ħlas lill Infrastructure Malta biex tqabbad lill-kuntrattur tagħha.

53.4.17 B'referenza għal-minuti 52.5.05 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li reġgħu saru l-bollards li ġa kien hemm ma’ rampa ħdejn il-parkeġġ għal persuni b'diżabilità go Triq Mons Falzon sar ukoll estensjoni tal-linji sofor li hemm aktar l-isfel flimkien ma'xogħol ieħor ta'patching jew żebgħa.

Is-Sur Maurice Agius għamel referenza għal bollards fl-istess triq ħdejn iz-zuntier tal-knisja (minuti 39.5.10) fejn issuġġerixxa li ssir oħra bħalhom aktar l-isfel.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li se jara jekk hux possibbli u jekk għadx fadal bollards bħal dawk li saru fejn iz-zuntier.

53.4.18 B'referenza għal-minuti 50.4.07, is-Sur Maurice Agius staqsa jekk kienx hemm xi ħjiel meta se tibda topera l-pulizija fil-komunità go L-Imsida għax dawn suppost bdew f'Marzu.

is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li suppost kienet saret sejħa għal reklutaġġ iżda ma tafx tgħid jekk kienx hemm xi ingaġġ ta’ pulizija ġodda li jixtiequ jkunu ma’ din is-sezzjoni. Spjegat ukoll li minkejja li kitbet kemm il-darba biex tkun infurmata f'hiex waslu għal Imsida qatt ma kien hemm risposta.

53.4.19 B'referenza għal minuti 50.3.01, Is-Sur Charles Selvaggi staqsa jekk kienx hemm x'żvilupp dwar meta se jibda ix-xogħol fil-parti magħluqa ta' Triq Achille Ferris.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li fil bidu tas-sena waqt li kien hemm il-kawża fil-qorti kienet għaddejja wkoll xi kommunikazzjoni bejn l-IM u il-periti f'isem propjetarju tal-istruttura perikoluża. Imma sa l-ġurnata ma'kienx hemm xi kommunikazzjoni li tindika li wasal biex jibda ix-xogħol meħtieġ.

53.4.20 B'referenza għal-minuti 50.4.03, is-Sur Alfred Farrugia staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi dwar it-tisbiħ gor-roundabout ta' Ċirku tal-Imsida.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li jonqos l-approvazzjoni minn għand il- PA u t-TM

**53.5 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

***Nota tas-Segretarju Eżekuttiv*** *(Għal minuti 53.5.01 sa 53.5.05, Il-kunsilliera s-Sur Jean Claude Borg u S-Sur Nicholas.J.Chirkop iddikjaraw konflitt ta'interess.*

53.5.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda talba mill-Kummissjoni armar fi ħdan Melita Banda San Ġużepp, l-Imsida għal permess biex nhar l- Erbgħa 28 ta Ġunju 2023, issir ikla fil- pjazza fuq wara tal- Ġnien ta Misraħ San Ġużepp. Ser jieħdu ħsieb ukoll li jkun hemm'mobile toilet' u bħas-soltu wara l-attività isir it-tindif meħtieġ.

Il-kunsilliera preżenti iddiskutew u approvaw unanimament.

53.5.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il mejda talba mill-Kummissjoni Nar fi ħdan Melita Banda San Ġużepp, l-Imsida, għal- għajnuna tal- Kunsill fl- ispejjeż tal- Fire Engine, kif sar is-sena li għaddiet, biex tintuża waqt il- ħruq tan- nar tal- ajru u ta l- art, Nhar il-Ġimgħa 21 ta' Lulju.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li l-fondi jistgħu jiġu applikati minn skema 2 tar-Reġjun Lvant għal proġetti kulturali, sports, mużika jew jum il-lokal fejn il-kunsill lokali jista' jibbenefika sa mhux aktar minn €13,000. Ġibed ukoll l-attenzjoni dwar l-għaqdiet simili oħra sabiex ma' jkunx hemm bħas-sena preċedenti li l-kommunikazzjoni dwar l-kordinazzjoni mas-sezzjoni għal protezzjoni Ċivili baqgħet tiġi emendata sa l-aħħar jumejn.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament li servizz irrid ikun koordinat kif meħtieġ bil-quddiem skond il-programm ta'nar li hemm.

53.5.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il mejda talba mill-Għaqda Melita Banda San Ġużepp, l-Imsida, qed tapplika għal permessi meħtieġa sabiex jiġu organizzati l-attivitajiet għal matul il-jiem tal- Festa.

Il- Ħadd 16 ta' Lulju - Lejla Maltija li tibda fis-7.00p.m. wara dħul tal- Vara ġol- Knisja. Bħal kull sena l-Għaqda tagħmel bar u BBQ biex isir tisjir tal- ikel qabel id- daħla ta Misraħ San Ġużepp.

It- Tnejn 17 ta' Lulju fis- 7.00p.m. isir l- festa tat-tfal, organizzata flimkien mal- Parroċċa. Din tibda mil- knisja Arċipretali , għall-Pjazza 5 t'Ottubru, tgħaddi ħdejn il Mużew tas-Subien, Triq l-Irmiġġ, Sqaq Dun Andre, Triq il-Wied, Kunċizzjoni, tieqaf fil-knisja tal-kunċizzjoni u tintemm quddiem il-każin tal-banda. Ser tieħu sehem ukoll il-Banda tal-Għaqda.

L- Erbgħa 19 ta' Lulju , se jsir il- Kunċert Vokali u strumentali f' Misraħ San Ġużepp mill-Għaqda tagħna immexxi mis-Surmast il-ġdid Mro.James Chappel. F'din l-okkażjoni ser ikun ukoll armat bar mil-Għaqda.

Il-kunsilliera preżenti disskutew l-ewwel talba dwar il-bar u BBQ biex isir tisjir tal- ikel sabiex ma jinħolqux preċedenti għar regola fejn ġie deċiż li rappreżentanti tal-kunsill għandhom imorru jaraw fejn huwa possibbli li jkun allokat post fil-pjazza. Ġiet diskussa wkoll dwar il-festa tat-tfal li għal bosta snin saret bħala attività konġunta u inkluża fil-programm ta'attivitajiet tal-kunsill lokali għal Ġimgħa L-Imsida. Għalhekk minkejja li din is-sena l-attività se ssir fil-Ġimgħa tal-festa il-kunsill xorta għandu jkun involut u parteċipant fl-organizzazzjoni li għalija ġew approvati €350 li jistgħu jiġu applikati minn skema 2 tar-Reġjun Lvant għal proġetti kulturali, sports, muzika jew jum il-lokal. Għat-tielet talba il-kunsill approva il-permess tal-Bar għal waqt il-kunċert bl-istess kundizzjonijiet ta'snin preċedenti.

53.5.04 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il mejda talba mill - kummissjoni nisa fi ħdan l- Għaqda Melita San Guzepp ghall permess biex isiru 4 attivitajiet ta' Tombla fi ġranet imsemmija mis- 6:30pm l' quddiem f' Misraħ San Ġużepp fuq quddiem nhar Tlieta 6 ta' Ġunju, Tlieta 20 ta' Ġunju, Tlieta 4 ta' Lulju u Ħamis 13 ta Lulju. Fl- istess ħin qed ssir talba ukoll għal permess biex waqt il- Lejla Maltija li ta kull sena isir fil- ġurnata ta ħruġ min- niċċa, tagħmel fiera.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew it-talba fejn approvaw il-permessi għal attività . Ġie osservat li fil-kalendarju tal-kunsill ġa hemm attività li hija pjanata għal Ħamis 13 ta Lulju għalhekk il-kumissjoni trid ssib data oħra. F'rigward tal-post indikat il-kunsill ippropona siti alternattivi sabiex ikun kunsidrat jew il-ġnien fuq wara go Misraħ San Guzepp jew il-parkeġġ faċċata tal-Każin tal-Banda go Misraħ 5 a'Ottubru.

53.5.05 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda talba mill -Kummissjoni Żagħżagħ u Kummissjoni Armar, għal permess tal-BBQ li jsir kull sena, s-sibt ta qabel l- Festa (ġurnata qabel ħruġ minn niċċa tal-Istatwa ) fil- 15 ta Lulju 2023. Dan isir fl- istess post bħal snin preċedenti jiġifieri fuq wara tal- Ġnien ta Misraħ San Ġużepp. Bħas-soltu wara l-attività isir it-tindif meħtieġ.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew it-talba fejn approvaw unanimament

53.5.06 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġietu fuq il mejda Cir AKL 2023/041 fejn spjegat kif fl-aħħar xhur, l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali kienet għaddejja b' diskussjonijiet mal-Awtorità` tat-Trasport, kif ukoll iż-żewġ kuntratturi li kienu qed jistallaw il-Bus Shelters, Faces Ltd u 356 Ltd. Id-diversi laqgħat wasslu sabiex fl-aħħar intlaħaq ftehim dwar it-triq 'il quddiem dwar is-suġġett u ġie draftjat kuntratt li ser jiġi iffirmat bejn il-partijiet imsemmija. Għal dan il-għan, l-Assoċjazzjoni qed titlob lill-Kunsilli sabiex mill-ġdid jagħtu delega tagħhom sabiex dan il-ftehim ikun jista' jiġi iffirmat. Fil-qosor, il-ftehim qed jgħid li; • L-Awtorità' tat-Trasport qed tagħraf li r-responsabbiltà tal-Bus Shelters hija tal-Kunsilli Lokali,• Il-Bus Shelters li ġew installati minn 356 Ltd ser jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tagħhom anki għal fini ta' manteniment u tindif,• Il-Kunsilli Lokali li fihom hemm Bus Shelters li ġew installati minn 356 Ltd qed jaċċettaw u japprovaw dawn l-istess Bus Shelters,• 356 Ltd qed jaċċettaw li jinħallu mill-Kuntratt li għandhom mal-awtorità' tat-Trasport u allura ma jibqgħux jistallaw Bus Shelters,• Faces Ltd ser ikompli bl-installazzjoni tal-Bus Shelters kollha li għalihom issir talba mill-iffirmar ta' dan il-ftehim 'il quddiem u jagħmel il-manutenzjoni kollha,• L-Awtorità` tat-Trasport qed tagħraf li tikkomunika mall-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali kull darba li jkun meħtieġ dwar is-soġġett u fuq kull natura miegħu,• Jaqgħu il-kawżi li hemm bejn il-partijiet kollha u l-Kunsilli Lokali, Mal-konklużjoni tal-ftehim għal Bus Shelters u wara diskussjonijiet sabiex jiġu stabbiliti l-urġenzi pendenti li hemm ikun jista' jingħata bidu għal proċess tal-installazzjoni ta' Bus Shelters li hemm domanda għalihom.

Il-kunsilliera preżenti unanimament approvaw id-delega.

53.5.07 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għamlet referenza għal -korrispondenza mill- AKL (minuti 29.5.03) u l-press release li nieda ir -Reġjun lvant b'relazzjoni mal- E-scooters (minuti 42.5.11 ), fejn spjegat li saret laqgħa apposta li għalija ġew msejjħa is-Sindku ma' Segretarju Eżekuttiv tal-kunsilli lokali f'ħdan ir-Reġjun fl-uffiċji tal-AKL fejn kien hemm Preżenti ukoll il-President tal-AKL is-Sur Mario Fava , Is-Segretarju Eżekuttiv flimkien ma'uffiċjal inkarigat tar-Reġjun u uffiċjali minn Transport Malta responsabbli mis-Settur. Waqt il-laqgħa ġie mgħoddi tagħrif dwar f'hiex waslu diskussjonijiet bejn il-partijiet konċernati u anke iż-żewġt l-operaturi prinċipali tas-servizz sabiex ikun hemm regolamentazzjoni aħjar li tippermetti li jkun indirizzat l-inkonvenjent kawżat fil-lokalitajiet. ġie spjegat ukoll li parti mis-soluzzjoni hija li jkunu identifikati numru tal-siti għal skop ta'parkeġġ għal e kick scooters li għalihom il-Kunsill Lokali L-Imsida kien ġa ppropona fejn dawn jistgħu isiru fosthom Triq Oscar Zammit fejn hemm l-e-bikes u se jkun hemm l-e-charging point , Triq John Borg taħt is-siġar ma' l-ħajt tal-Junior college,il-ġnien f'Misraħ San Guzepp fejn l-stand tar-roti, ħdejn l-għassa tal-pulizija u faċċata tal-iskate park fuq in-naħa tal-universitá. (approvati) .Ma dawn ġew ssuġġerita ukoll faċċata ħdejn l-Bus-stop ma'Triq Achille Ferris , fuq it-traffic Island go Triq L-Zahmenhof u Fuq parti mill bankina go Triq Victor Denaro k/m Triq L-Isqof F.S Caruana'hekk kull spazju allokat apposta ma'jkunx qed jieħu post għal parkeġġ normali.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament filwaqt li ssemmew siti oħra go Triq Box Box,Il-Bacir u L-Ahwa Cefai li jistgħu jkunu proposta aktar il-quddiem.

53.5.08 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda kommunikazzjoni fuq l-Iskema kollettiva WEEE Malta li tiġbor, titratta u tar- skart elettroniku riċiklat (WEEE) li jintrema kemm mill-produtturi membri tagħha iżda anke mill-faċilitajiet tal-Wasteserv wara li jinġabru mill-kolletturi tas-sistema tal-bulky refuse kuntrattat mill-Kunsilli Lokali. Għalhekk b'konformita mal-memo tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali dwar Skema Kollettiva approvata , il-kumpanija qed tara l-possibilità li tasal fi ftehim mal-Kunsill Lokali biex il-WEEE kollu li jinġabar mil-lokalita' jitwassal dirett f'faċilita' li WEEE Malta għanda bil-permessi relatati. Ġie spjegat ukoll li fil-prinċipju diġà hemm ftehim mal-Kollettur li qed joffri s-servizz tal-bulky refuse biex il-materjal kollu jasal għand l-Iskema dirett flok jidħol il-Wasteserv u mbagħad jinġabar mill-Iskema xorta. Għalhekk b'dan il-mod, il-Kunsill Lokali se jkun qed jibqa' joffri s-servizz kollu kif inhu iżda l-Consignment Note bl-informazzjoni li qed tinġabar flok tintbagħat lil Wasteserv, tibda toħroġ fuq WEEE Malta u l-faċilita' fl-Imqabba mingħajr l-ebda spiża addizzjonali fuq il-Kunsill Lokali. WEEE Malta tiżgura ukoll li l-materjal kollu jiġi trattat kif xieraq skont ir-regoli ambjentali u jidħol kollu għand faċilitajiet approvati filwaqt li jinżamm audit trail ambjentali fejn informazzjoni dettaljata b' dak kollu li jinġabar bil-piż ta' kull ġimgħa se tingħata lill kunsill skont ir-regolamenti.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew il-proposta għal ftehim fejn jidher li ma hemm xejn fl-offerta li jindika xi miżura li biha l-kunsill jew il-komunità se tibbenefika b'mod vantaġġuż minħabba l-ispejjez għal operat tal-kuntrattur kurrenti xorta se jagħmel tajjeb għalihom il-kunsill. Għalhekk WEEE Malta għanda tintalab tikkunsidra li tagħmel tajjeb f'dan ir-rigward.

53.5.09 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għamlet referenza għal minuti 50.5.06 dwar L.S.363.222 li tirregola xorb f'kontenituri tal-ħġieġ u konsum tal-alkoħol f'postijiet pubbliċi fejn tkellmet dwar artiklu li kien hemm fuq gazzetta lokali għal byelaw simili go San Pawl il-baħar, Bugibba u l-Qawra li jgħid li mindu daħlet fis-seħħ f'Mejju 2021 sa Marzu 2023 nħarġu 163 ċitazzjoni li minnhom 10 biss ġew liberati. Hawn spjegat li f'din il-lokalita għal dan il-għan hemm diversi tabelli mifruxa għalhekk il-kunsill jista' jikkunsidra biex apparti l-avviżi għand tal-ħwienet fl-Imsida jsir l-istess b'tabelli go zoni li fihom qed ikun hemm ċertu tlajar konċentrat forsi il-pulizija tibda tieħu passi.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew il-proposta u qablu unanimament li jsiru tabelli fejn meħtieġ go zoni li fihom qed ikun hemm abbużi relatata.

53.5.10 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar il-Ġostra li ssir b' kollaborazzjoni bejn l-għaqda lokali u l-kunsill. Hawn tat dettalji dwar il-ġranet li din se ssir matul il-Ġimgħa tal-festa fejn spjegat li bħal snin ta'qabel hemm bżonn li jkun hemm l-ambulanza għal li jista' jinqala u loġistika tas-soltu biex jitqiegħed l-arblu u xaħam li jista' jiġi applikati fondi minn Skema 1 għal attivitajiet sportivi li jridu jinżammu taħt it-titlu Reġjun Ewropew tal-Isport 2023.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament.

53.5.11 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għamlet referenza għal minuti 37.5.08 u poġġiet fuq il-mejda talba mill- impjegati għal kunsiderazzjoni tal-kunsill u talbet lis-Segretarju Eżekuttiv biex jispjega fid-dettal.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li minn Jannar sa l-aħħar ta' Mejju 2023 l-Impjegata ħadmet b'siegħat imnaqqsa ta'30 siegħa b'telework u minn Ġunju 2023 kompliet b' l-istess sigħat imnaqqsa mill-uffiċju iżda minħabba li ma'tistax tagħmel arranġamenti għal childcare qabel Ottubru qed titlob biex iġedded b'telework sa dak iż-żmien. Għalhekk għal din ir-raġuni qed jirrakkomanda li t-talba tiġi milqugħa.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament.

53.5.12 B'referenza għal-minuti 48.3.03 relatata ma' SPI/SCI/1/2021 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li ir-restawr ta' l-Għajn tal-Ħasselin minn barra kif ukoll minn ġewwa għandu jkun lest sal-aħħar ta'Ġunju. Tkellmet ukoll dwar sample tax-xibka maħsub biex jilqa' materjal mormi li jkun ġej mal-ilma tax-xita jew riħ li se jeħel mal-arkati għalhekk min jixtieq jista' jmur jarah.

Is-Sur Emanuel Brincat tkellem dwar is-sistema ta'dawl ġdid li tinkludi żewġt tipi ta'RGB li juri kemm ġewwa u mal arkati b'lewn abjad li jista' jkun regolat għal lewn ieħor meta jkun hemm jiem dedikati bħal eżempju Pink October. Hawn spjega li kif rakkomandat dan għandu jkun biżżejjed għal l-iskop tal-illuminazzjoni tal-għajn għalhekk jekk ikun adattat jista' jkun li l-fanali li hemm fil-mument ma jservux aktar. Tkellem ukoll dwar xogħol ta'manutenzjoni li hemm bżonn mad-dawra tal-istruttura tal-Għajn li jinkludi tindif jew bdil tal-materjal tal-ġebla, l-planters, żebgħa tar-railing u bdil tal-plakka kommemorattiva.

Il-kunsilliera preżenti għamlu diskussjoni dwar alternattivi li jista’ jkun hemm għax xibka fejn Issemma ukoll ħġieġ jew perspex apposta li jista’ jiġu kunsidrati sakemm l-prezz ikun jippermetti.

53.5.13 B'referenza għal minuti 50.3.02 dwar SEA-EU is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li hemm il-ħsieb li jsir Football Tournament f' Malta abbinat mal-programm ta'attivitajiet sportivi relatata mar-Reġjun Ewropew tal-Isport 2023 (minuti 46.4.02). Hawn spjegat kif l-Università ta' Malta, il-Kunsill Lokali tal-Imsida u l-Kunsill Reġjonali tal-Lvant nedew stedina sabiex kemm lill-istaff kif ukoll lill-istudenti tal-Universitajiet SEA-UE jipparteċipaw f' 5-a-side tournament (gowler wieħed u erba' plejers) li se jseħħ bejn it- 22 u l-24 ta' Novembru 2023 fejn se jkun hemm 2 grawnds barra u pitch ta' ġewwa li se jkun disponibbli bħala kontinġenza. Dan se jkun maqsum f'-żewġ kategoriji għal żewġ tournaments paralleli, wieħed riservat għall-akkademiċi u l-amministraturi Universitarji u wieħed għall-istudenti Universitarji fejn kull tim għandu jkollu minimu ta ' 8 plejers u qed ikun imħeġġeġ li mill-inqas ikun hemm mill inqas plejer waħda femminili. Għalhekk kull università hija ħielsa li tibgħat team għall kull kategorija. Hawn kompliet tispjega li l-ispejjeż tal-ivvjaġġar jeħtieġ li jkunu koperti mill-istituzzjoni se tibgħat it-team tagħha filwaqt li ma hemm l-ebda tariffa għal-parteċipazzjoni filwaqt li l-ispejjez relatati mal-attività sportiva bħal trophies jistgħu jkunu applikati minn Skema 1 għal attivitajiet sportivi li jridu jinżammu taħt it-titlu Reġjun Ewropew tal-Isport.

53.5.14 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għamlet referenza għal minuti 52.5.06 dwar ir-rapport finanzjarju awditjat għall-perjodu Jannar sal-aħħar ta' Diċembru 2022 u poġġiet fuq- il mejda kopja Ittra ta' Ġestjoni tal-finanzi mill awditur u tweġiba tal-amministrazzjoni li tieħdu bħal moqrija.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament.

53.5.15 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda ittra minn għand l-avukat tal-operatur ta' wieħed minn żewġt stabbilimenti li għandhom il-pletform fi triq il-parroċċa fejn qed jitlob sabiex il-kunsill fi żmien il-festa ma jagħmilx bħal snin preċedenti u ma joħroġ l-ebda permess għal attività temporanja lill terzi quddiem il-propjetà tal-istabbiliment tiegħu biswit il-pletform.

Is-Sur Jean Claude Borg tkellem dwar l-indħil għal affarijiet tal-kunsill.

Is-Sur Emanuel Brincat wieġeb li dak li qed jintqal fl-ittra mhux korrett għax f'żmien il-festa il-permessi dejjem ħarġu kif suppost skond ir-regolamenti għalhekk jħoss li l-kunsill għandu jibgħat risposta b’ avukat.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li kull permess li ħareġ dejjem kien skond ir-regolamenti deskritti f' L.S 441.04 u meta jasal iż-żmien dejjem mar personalment jagħmel il-marki fejn kważi kull darba inzerta fuq il-post lill dawk ikkonċernati' iżda f’din ic- ċirkostanza qed jantiċipa li se jkun hemm kwistjoni bejn iż-żewġt operaturi għalhekk il-kunsill lokali l-ewwel irid jara sew x'hemm f'regolamenti u jimxi magħhom.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu li għanda tintbagħat tweġiba legali.

53.5.16 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda kopja ta'email minn għand membru rappreżentant tal-għaqda tas-Sajjieda u Dgħajjes lokali b'ilment dwar l-amministrazzjoni tal-iskal minħabba li bosta sajjieda jew sidien ta'dgħajjes li sa ftit taż-żmien ilu kienu qed jagħmlu użu mill-iskall tal- Imsida issa mhux qed jitħallew jagħmlu hekk għax is-Segretarju Eżekuttiv f'isem il-kunsill lokali L-Imsida qed jimplimenta b'mod eċċessiv il-Bye law L.S 363.163 dwar l-iskall u d-daħla tal-Imsida.

Is-Sur Charles Selvaġġi tkellem dwar l-email li kienet indirizzata lilu ukoll iżda ma jistax jifhem eżatt ir-raġuni għala l-impjegat ma setax jipprovdi l-email tal-membri tal- kunsill. Hawn talab kjarifika dwar il-parti fejn hu ġie msemmi flimkien mas-Sur Alfred Farrugia , Maurice Agius u Emanuel Brincat u staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv jekk dan fil fatt hux minnu li indika lill msemmija bħala dawk li speċifikament ħadu xi deċiżjoni filwaqt li l-oħrajn mhux msemmija. Talab ukoll biex ssir laqgħa mar-rappreżentant tal- Għaqda tas-Sajjieda u Dgħajjes lokali ħalli jkun hemm kjarifika dwar il-kontenut.

Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar membru tal-għaqda li qed jgħid li weħel €800 minħabba li ma ngħatax permess juża l-iskall u ppropona sabiex almenu fl-emendi għal byelaw ikun hemm provdut l-użu għal dawk is-sidien ta'dgħajsa li huma resident ġol-Imsida.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li d-dgħajsa msemmija torbot fil-banju li għal xi raġuni ma humiex reġistrati ma' TM. Għalhekk meta fl-aħħar laqgħa tal-kumitat li saret (minuti 50.5.05) din ġiet diskussa ir-rappreżentanti tal-għaqda intalbu biex jipprovdu lista ta' dawk li hemm iżda li sa l- ġurnata baqgħet ma ġietx provduta. Barra min hekk dawn qed jilmentaw li mhux qed jiġu aċċettati dawk id-dgħajjes li mhux marbuta fid-daħla tal-Imsida bħal ma l-għaqda kienet tippermetti qabel meta l-iskall huwa devolut lill kunsill Lokali li għandu responsabiltà li jiddeċiedi kif l-amministrazzjoni tiegħu tiġi ġestita.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li fl ebda ħin jew mument ma indika l-kunsilliera msemmija fl-email li specifikament kienu huma li ħadu deċiżjoni. Fl-istess ħin talab u qara l-email fil kuntest tagħha sabiex tingħata tweġiba ċara li ma kien hemm xejn li jmur kontra xi deċiżjoni tal-kunsill jew il-Bye law. Hawn kompla jispjega li din l-email waslet ftit wara li tkellem ma l-istess rappreżentat dwar każ ta'dgħajsa li baqgħet fuq l-iskall bla permess fejn għarrfu li se jmexxi sabiex tintilef il-garanzija u jiġu applikati il-penali deskritti fil-ftehim skond il-Byelaw. Għalhekk jħoss li għandu b'mod dirett quddiem kulħadd jirrispondi għal kontenut ta'din l-email u ppropona sabiex tiġi deċiża data fil-viċin sabiex isejjaħ għal laqgħa bejn il-membri tal-kunsill u rappreżentanti tal-għaqda.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu li tissejjah laqgħa ma'rappreżentanti tal-kumitat tal -Għaqad Dgħajjes u Sajjieda Msida għat Tlieta 13 ta'Ġunju 2023 fil-5:00 p.m. Ġiet diskussa wkoll id-dgħajsa li baqgħet fuq l-iskall bla permess fejn unanimament ġie deċiż li tinżamm il-garanzija u applikati il-penali skond il-byelaw għal kull ġurnata li se tibqa fuq l-iskall bla permess.

53.5.17 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar id-disinn, pjazza u faċilitajiet rikreattivi (minuti 48.5.02) fejn l-IM preżentat il-pjanti tal-playing fields bl-aħħar disinji proposti għal kummenti u suġġerimenti tal-kunsill.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew il-viżwali preżentata fejn kienu ssuġġerita li timxi l-gabbana u tqassim aħjar għal apparat tal-bandli

53.5.18 B'referenza għal minuti 48.4.10 Is-Sur Charles Selvaġġi tkellem dwar il-kurduna b'xoffa li hemm fuq il-promenade ħdejn iz-zebra cross għax għolja qed tkun ta'periklu għal min jimxi minn hemm.

Is-Sur Alfred Farrugia tkellem dwar l-istess zebra cross li bil-kemm tidher sabiex tingħata iż-żebgħa

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota u wieġeb li se jara x'jista' jagħmel minħabba li fil mument hemm proġett għaddej u ħafna trabijiet.

53.5.19 Is-Sur Alfred Farrugia tkellem dwar is-siġar go Misraħ San Guzepp sabiex il-kunsill jitlob lid-dipartiment governattiv responsabbli jieħu ħsieb iż-żbir.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota.

53.5.20 Is-SurJean Claude Borg ppreżenta il-poster u tkellem dwar il-programm propost għal l-attivitajiet relatati ma' Sajf fil-Pjazza fejn il-kunsill lokali jista' jagħmel użu mill-fondi applikabbli taħt skema 2 tar-Reġjun Lvant għal proġetti kulturali, sports, mużika jew jum il-lokal u ppreżenta il-poster.

Il-kunsillier preżenti ddiskutew u approvaw unanimament.

53.5.21 Is-Sur Emanuel Brincat tkellem dwar laqgħa mad- direzzjoni tal- Foundation-for-Tourism-Zone-Development sabiex bħal snin preċedenti il-ħaddiema mit-taqsima tagħhom jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni bil-kunsill jipprovdi il-materjal meħtieġ. Tkellem ukoll dwar kwantità ta' fanali u bankijiet l-antiki tal-promenade li l-kunsill qed iżomm maħżuna go garaxx temporanju li dalwaqt irrid jitbattal u spjega li dawn jistgħu jiġu wżati mill- fondazzjoni go postijiet oħra għalhekk ppropona biex jinżamm li hemm bżonn u il-kumplament jingħata lill fondazzjoni.

Il-kunsillier preżenti ddiskutew u approvaw unanimament

53.5.22 Is-Sur Nicholas J.Chircop tkellem dwar il-programm ta'attivitajiet relatat ma'Ġimgħa l-Imsida f'Lulju li jinkludi serata għal-anzjani fuq il-bejt (11), ħarġa għar-residenti (12) u jum dedikat għat-tfal (13) li se tkun maqsuma f'żewġt attivitajiet waħda filgħodu (Attività edukattiva l-aqwarjum) fejn ppropona biex il-kunsill jiffinanzja id-dħul €5.90 tat-tfal bejn 4-12- il sena <u id-dħul €9.90bejn it-13-16 il-sena>. Għal filgħaxija, Misrah San Guzepp jinbidel f' funpark għat-tfal li jiswa < €1110 > li mal-konferma hemm kappara ta' €300.

Mizjuda <u id-dħul €9.90bejn it-13-16 il-sena>Mibdula< €1110 >

Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li s-sejħa għan-nominazzjonijiet tal-Onorifiċenza Ġieh L-Imsida se toħroġ għal nofs Ġunju. Filwaqt li għas-serata Jum l-Imsida l-kunsill lokali jista' jagħmel użu mill-fondi applikabbli taħt skema 2 tar-Reġjun Lvant għal proġetti kulturali, sports, mużika jew jum il-lokal.

Il-kunsillier preżenti ddiskutew il-programm u approvaw unanimament.

53.5.23 Is-Sur Nicholas J.Chircop tkellem dwar programm ta'attivitajiet relatat mal-European Week of sport fejn ppropona li tingħalaq it- triq ta' fejn il-Knisja.
Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li meta tingħalaq dik il-parti tat- triq se taffettwa Xatt Ta'Xbiex, is-servizz tal-linja u traffiku ġenerali li jitlob diversjoni sostanzjali. Hawn spjega li biex Trasport Malta approvat li tingħalaq kompletament din it-triq , imponiet li dan ikun bil-lejl u ordnat li jrid ikun hemm 14 il-uffiċjal tal-aġenzija għas-spejjez ta' min qed jitlob permess sabiex jikkontrollaw id-devjazzjoni tat-traffiku. Filwaqt li l-kunsill jista' jifhem kemm se tkun l-ispiża fis-siegħa għal kull uffiċjal, qed jissuġġerixxi alternattiva biex minflok tkun kunsidrata proposta holistika għal- car free day sabiex ssir applikazzjoni ta' fondi taħt skema li toħroġ l-istess Aġenzija għal European Mobility Week li tiġi għal ħabta ta'nofs Settembru. B'hekk jekk din tkun tikkwalifika il-kunsill jirnexxielu jilħaq żewġt għanijiet.

Il-kunsillier preżenti ddiskutew is-suġġeriment u approvaw li tkun preparata proposta alternattiva.

**53.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat**

Ma'kienx hemm rapporti

**53.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

53.7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda l-iskeda K8-53 ta' ħlasijiet bejn l -25 ta'April u 30 ta'Mejju 2023.
Il-Kunsilliera preżenti iddiskutew l-iskeda li ġiet proposta mis-Sur Alfred Farrugia u s-sekondat mis-Sur Nicholas.J.Chircop.
Il-Kunsilliera preżenti approvaw l-iskeda unanimament.

**53.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

53.8.01 Il-laqgħa ntemmet fit 8:35 ta' filgħaxija, u seduta li jmiss se tkun it-Tlieta 27 ta' Ġunju fil-5:30 ta' filgħaxija.

Minuti konfermati, illum 27 ta' Ġunju 2023.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Margaret Baldacchino Cefai | Alan Vella |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |